MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 560/2004

**Nazzareno Bugeja bhala President u Francis Grech bhala segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marsaxlokk Freeport Aquatic Sports Club**

**Vs**

**Martin Callus**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi fil-kwalita' taghhom premessa ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef tlett mija disa' u sebghin lira seba u tmenin centezmu (Lm3,379.87c) rapprezentanzi arretrati ta' kera u konsum ta' dawl u ta' ilma dovut mill-konvenut in konnessjoni mal-lokzzjoni tal-bar tal-Marsaxlokk Freeport Aquatic Sports Club, Marsaxlokk, mikri lill-konvenut bis-sahha ta' kuntratt datat 21 ta' April 2004.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numerat 1985/2004, u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

L-attur jirrizerva d-dritt li jitlob hlas ulterjuri minghand il-konvenut ghall-konsum ta’ dawl u ta’ ilma fir-rigward tieghu sad-data tal-avviz ghadu ma nhareg l-ebda kont.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 u fol 9 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-9 ta’ Marzu 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi fil-kwalita taghhom premessa s-somma ta' Lm3,379.87,0 bl-imghax legali mid-data tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1985/2004 sa’ dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-istess mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. B’riserva ghal kull azzjoni favur l-istess atturi in rigward hlas ulterjuri li jista’ jkun dovut mill-konvenut ghall-konsum ta’ dawl u ilma li ghalih ghadu ma nhareg ebda kont.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------